**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 26/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 517/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fir- Registru Pubbliku il-Belt Valletta (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz- zwieg kellhom zewgt itfal.

2. Illi l-paritjiet isseparaw ex lege permezz ta' Kuntratt Pubbliku datat 6 ta' Jannar 2021 fl-atti tan-Nutar Dr. Katrin Bartolo (hawn ezebit bhala Dok. B).
3. Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.
4. Illi l-partijiet m'ghandhomx pretensjonijiet kontra xulxin.
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit ta Shino Oba (Dok C);

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta’ Frar 2024;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Jannar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.